# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 47 – IT-TNEJN 29 TA' OTTUBRU 2012

Il-Kunsilliltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier (wasal fid-8:55pm) |
| | Anatole ScerriDiacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Helen Maria Bugeja | Kunsillier (marida) |

Kien hemm membru tal-pubbliku waqt il-laqgħa.

Is-SE infurmat li l-Kunsillier Vella kien infurmaha li se jasal tard.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 46**

1.1 Inġibdet l-attenzjoni li t-titlu ta' para. 7 kellu jkun *After-School Sports Programme* 2012 – 2013 u mhux Kalendarju tal-Attivitajiet tal-Milied 2012 u għaldaqstant dan ġie emendat.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa nru. 46 ġew approvati unanimament kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI 46**

2.1 Fir-rigward tar-*railing* ta' Triq Santa Luċija, is-SE infurmat li dan kien tlesta u x-xogħol kollu involut sar mill-ħaddiema tal-IPSL.

2.2 Is-SE infurmat li aktar kmieni dik il-ġimgħa żewġ ħaddiema tal-IPSL, is-Sur Bondin u s-Sur Spiteri, kienu telgħu jixhdu l-Qorti waqt il-każ tas-Sinjuri Zahra kontra l-Kunsill, fejn ikkonfermaw li wieħed kien marid u l-ieħor ma kienx xogħol fit-triq in kwistjoni f'dik il-ġurnata partikolari. L-istess sinjuri Zahra kienu kkonfermaw li ma kinux raw lil dawn il-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol fil-ġurnata li ġara l-inċident. Is-SE infurmat ukoll li sadanittant l-Avukat kien bagħat kopja tat-*transcript* tax-xhieda tal-Viċi Sindku.

2.3 Is-SE infurmat li kienet bdiet tinġabar l-informazzjoni għall-istudju biex wieħed japplika għal *residents parking only*. Minħabba li ż-żoni li kunsill kien applika għalihom kienu l-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa, Triq San Oswald u quddiem Binja Ġebel Dwejra, kien hemm qbil li għandu jiġi inkluż ukoll il-parkeġġ ta' Triq il-Gladjoli. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm konsultazzjoni mar-residenti fl-akwati kkonċernati.

2.4 Is-SE infurmat li matul ix-xahar ta' Settembru kienu nħarġu żewġ ċitazzjonijiet mill-*Eco Wardens*, waħda relatata ma' ħmieġ ta' klieb u l-oħra ma' rimi ta' skart ħdejn l-iskips.

2.5 Kienet saret laqgħa mal-iMtarfa FC rigward l-attività konġunta bl-isem ta' Mtarfa Christmas Market fejn ġew iċċarati numru ta' punti. Kien hemm qbil ukoll li din għandha tinżamm nhar il-Ħamis 13 ta' Diċembru bejn id-9am u t-3pm.

2.6 Fir-rigward ta' para. 3.14, is-SE infurmat li kienet bagħtet ittra lis-Sur Rapa sabiex ireġġa' lura ż-żona ta' quddiem l-abitazzjoni tiegħu għal kif kienet oriġinarjament iżda għalkemm jidher li x-xogħol waqaf, dan ma kienx ħa l-azzjoni hekk kif mitluba mill-Kunsill. Kien hemm qbil li għandu jsir rapport lill-MEPA u lill-Awtorità tad-Djar.

2.7 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar it-talba għal kaxxa safra fi Triq Sir Leslie Rundle, is-SE infurmat li ma kinitx għadha kitbet dwarha.

2.8 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-kwistjoni tad-dawl għal Binja Msieraħ, hija infurmat li kienet illokalizzat pjanta li saret mill-*electrician* tal-Kunsill dwar xi bżonnijiet kien hemm. Hija kienet se tagħmel kuntatt mal-korporazzjoni Enemalta u l-Awtorità tad-Djar sabiex il-proċess jitkompla.

2.9 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar jekk intbagħtitx *reminder* dwar l-*Isolation Quarters*, is-SE irrispondiet fin-negattiv. Hija fakkret lill-Kunsill li matul l-aħħar ġimgħat hija kellha tikkonċentra x-xogħol tagħha maġġorment sabiex inħarġu erba' offerti u għaldaqstant waqgħat lura f'affarijiet oħra.

2.10 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar il-ftehim mal-GreenMT, is-SE infurmat li kienet kitbet hekk kif mitluba mill-Kunsill u infurmat li għalkemm il-Kunsill kien interessat li jġedded, kien qed jitlob li jsir ħlas minn qabel tal-flejjes għar-riklamar. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkompli jagħfas fuq dan.

2.11 Is-Sindku talab lis-SE sabiex terġa' tibgħat tfakkira dwar il-bankina ta' Triq l-Imtarfa.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku għadda l-lista tal-attivitajiet għall-Milied proposti għal din is-sena. Dawn kienu jinkludu żewġ parati li ma kinux inklużi fis-sena ta' qabel. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-baġitt għall-attivitajiet tal-Milied huwa ta' €6000 u għaldaqstant importanti ħafna li wieħed ma jaqbiżx dan l-ammont. L-attivitajiet tal-Milied kienu se jinkludu: Parata minn Baden Powell Scouts Group, u oħra minn Mtarfa Scouts Group, parata minn Big Friends Guggen Musik, festin għall-anzjani, ikla għall-komunità, l-Imtarfa Christmas Market, dawra bil-ferrovija u 3 festini għat-tfal tal-lokalità.

3.2 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand is-sidien tal-Melita Trains fejn infurmaw lill-Kunsill li mhux lesti jonoraw l-i*sponsorship* ta' €165 li kienu wegħdu lill-Kunsill minħabba li għalkemm kienu ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill dwar xi traqqigħ li kien hemm bżonn li jsir, partijiet baqgħu ma sarux. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lura fejn dawn jiġu infurmati li l-Kunsill irranġa fejn seta' u se jippruvaw jagħmlu wkoll xi traqqigħ ieħor iżda li dawn ma kellhomx jorbtu l-i*sponsorship* mat-traqqigħ. Sadanittant is-SE ġiet mitluba sabiex iġġib xi kwotazzjonijiet sabiex isir traqqigħ fit-triq prinċipali.

3.3 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-Kappillan il-ġdid sabiex il-Kunsill jiltaqa' miegħu uffiċjalment kif ukoll sabiex iwassallu talba għal estensjoni tal-purċissjoni għal nhar Santa Luċija.

3.4 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġi preżentat ktejjeb ta' mhux aktar minn €20 lil tfajjel li jattendi l-Iskola Sekondarja tal-Imtarfa.

3.5 Is-Sindku informa li kienet se tiġi organizzata laqgħa tas-Sindku sabiex jiġu diskussi problemi dwar l-Arriva. Huwa talab biex kull min ikollu xi rakkomandazzjonijiet jew jaf b'xi problemi, dawn jgħadduhomlu bil-miktub.

3.6 Is-Sindku informa li l-ħarġa għal Għawdex kienet ta' suċċess u kull min attenda kien ħareġ sodisfatt.

3.7 Is-Sindku informa li xi residenti li joqgħodu fi Triq l-Imtarfa, eżattament faċċata tal-arkata, kienu talbu biex isir xi tip ta' *gutter* minħabba l-ilma tax-xita li jinżel minn faċċata. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Perit David Vassallo dwar din il-kwistjoni.

3.8 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Vella. Il-ħin kien id-8:55pm.

3.9 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva numru ta' suġġerimenti differenti fir-rigward tal-proposta għal sistema ta' *one way* fiż-żona ta' Triq Gregorio Caraffa. Għaldaqstant kien hemm qbil li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti.

3.10 Is-Sinfku informa li kien inbeda l-kostruzzjoni fuq is-sit tal-*playing field*. Hawnhekk is-SE infurmat li kien se jinqala' l-*bus shelter* minħabba li kellu bżonn li ssir bażi ġdida u minħabba li l-bażi ġdida kienet se takkomoda *bus shelter* ġdid, li kien se jiġi provdut mingħajr ħlas, probabbilment li l-Kunsill kien se jkollu jħallas għall-ispiża sabiex issir DNO mal-MEPA. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Settembru. Kopja tiegħu hija annessa.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.3 Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €300 għal tneħħija ta' *planter* li kien qed jagħmel ħsara lill-binja ta' warajh kif ukoll għal tħaffir ta' trinka u tpoġġija ta' katusa fuq wara ta' Binja San David sabiex tissolva l-problema tal-ilma tal-garaxxijiet. Qabel jinbeda x-xogħol, is-SE għandha tibgħat għall-approvazzjoni tal-kumitat tal-binja minħabba li parti mix-xogħol se jsir fuq parti mill-proprjetà tagħhom.

## 5. KUNTRATTI

5.1 Is-SE infurmat li RC Collect kienu talbu €100 spejjeż tal-avukat minbarra l-€150 tal-offerta. Minħabba li s-SE kienet kitbet lill-avukat tal-Kunsill, kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi skont il-parir tal-avukat.

5.2 Hija infurmat li sadanittant kienet irċeviet ittra oħra bl-avukat mingħand wieħed mill-kolletturi li kien ġabar l-offerta matul is-sena 2010, meta din l-offerta kienet ġiet irtirata. Wara diskussjoni u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella, kien hemm qbil li kemm-il darba dan il-kuntrattur ma jkunx interessat aktar f'din l-offerta, huwa għandu jingħata l-flus lura (€150).

5.3 Is-SE infurmat li hi u l-*accountant* kienu waslu għal kompromess sabiex bil-għajuna tal-amministrazzjoni, huwa kellu jlesti l-FAR sal-aħħar ta' Novembru. Sadanittant, fuq talba tiegħu, il-Kunsill qabel li għandu jħallsu s-somma ta' €80 tax-xogħol żejjed biex jagħmel ix-xogħol neċessarju. Hawnhekk is-SE infurmat li għal-laqgħa li jmiss l-*accountant* kien se jippreżenta l-*Quarterly Report* għall-perjodu Lulju - Settembru.

5.4 Is-SE infurmat li kien se jiskadi l-kuntratt tal-manutenzjoni tas-*soft areas*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġedded dan il-kuntratt temporanjament sakemm jinħareġ wieħed ġdid u jiġi aġġudikat.

5.5 Kien hemm qbil li l-bord tal-aġġudikazzjoni għall-offerti kellu jkun jikkonsisti mill-Kunsilliera kollha. Minħabba li l-Kunsillier Bugeja ma kinitx preżenti, is-SE għandha tikkonferma magħha jekk tridx tkun fuq il-bord. Sadanittant is-SE infurmat li qabel jiltaqa' l-Bord tal-Aġġudikazzjoni sabiex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, kienet talbet verifika dwar numru ta' punti lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

5.6 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-SE infurmat li kienet se tivverifika d-dettalji dwar *default notices* fir-rigward tal-kuntratt tal-knis.

5.7 Is-SE infurmat li kienet għamlet avviż fuq il-gazzetta għal kwotazzjonijiet għal tpoġġija tal-mejn tad-dekorazzjonijiet tal-Milied.

## 6. SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA' ATTIVITAJIET 2012/2013

6.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni għall-iskema dwar l-attivitajiet li kienet tagħlaq fl-aħħar ta' Novembru.

6.2 Minħabba li kien hemm qbil li s-sena li ġejja, Military Mtarfa għandha titmexxa lejn l-aħħar ta' Settembru, fuq suġġeriment tas-Sindku, il-Kunsill qabel li għal Mejju għandu japplika għall-fondi għal attività oħra li għandha tinkludi kompetizzjoni tal-fjuri bejn il-*barracks* kif ukoll *entertainment*, possibbilment aktar fuq il-folklor, għal flgħaxija.

6.2 Is-Sindku informa wkoll li r-Reġjun tat-Tramuntana kien se japplika sabiex issir attività waħda bejn erba' lokalitajiet, ir-Rabat, l-Imtarfa, l-Imdina u Ħad-Dingli.

## 7. TALBA GĦAL ĠEMELLAĠĠ MINN OTRICOLI (LAZIO), ITALJA

7.1 Ġie kkonfermat li l-Kunsill għandu jilqa' r-rappreżentanti ta' dan ir-reġjun li kienu wrew l-interess tagħhom fil-lokalità tal-Imtarfa. Is-SE infurmat li skont kommunikazzjoni li bagħtulha, is-Sindku u l-Viċi Sindku ta' Otricoli kienu fil-ħsieb li jagħmlu żjara lejn l-aħħar ta' Novembru.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Is-SE infurmat li l-Kunsilli kienu qed jingħataw l-opportunità li japplikaw għal għajnuna klerikali fuq bażi *part/full time* u jdaħħlu magħhom persuni b'diżabbilità għal perjodu ta' tliet snin. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal persuna fuq bażi *full time*.

8.2 Is-SE talbet xi informazzjoni wara li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand resident dwar xi drenaġġ li qed ifur fil-garaxxijiet ta' Binja Marġ fi Triq Sir Leslie Rundle. Kien hemm qbil li ladarba dan id-drenaġġ mhux ikkawżat mill-Kunsill, għandha tgħaddi kopja tal-ittra lill-Korporazzjoni għa-Servizzi tal-Ilma, Sezzjoni tad-Drenaġġ b'kopja lis-Sanità.

8.3 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li l-kuntrattur tas-*soft areas* għandu jintalab jaħrat u jirranġa l-*hedge* ta' quddiem Binja Ġebel Dwejra għall-prezz ta' €100.

8.4 Is-Sindku reġa' fakkar lis-SE sabiex jitpoġġa dawl mal-monument li hemm quddiem Binja Ġebel Dwejra. Is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-*electrician* u kien se jtiha stima, għalkemm jidher li kienet se tiġi għalja minħabba li m'hemmx kommunikazzjoni fil-viċin. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandhom jinġabu wkoll xi prezzijiet għal dawl li jaħdem bl-enerġija solari.

8.5 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha toħroġ twissija lill-kennies minħabba xi nuqqasijiet, bħal ħaxix li ma nqatax f'xi toroq kif ukoll nuqqas ta' tindif fiż-żona tal-Karnival.

8.6 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien inqabeż il-ħin. Il-Kunsill qabel li għandu jispiċċa l-aħħar ftit punti.

8.7 Il-Kunsillier Scerri Diacono talab lis-SE tiġbed l-attenżjoni tal-kuntrattur tas-*soft areas* dwar *planter* li fih xi terrapien.

8.8 Il-Kunsillier Vella talab lis-SE sabiex tinforma lill-pulizija dwar parkeġġ illegali li qed ikun hemm kull nhar ta' Sibt u Ħadd madwar il-Gym tad-Depiro.

8.9 Wara li l-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni dwar il-biċċa art mitluqa li hemm quddiem il-Gym tad-Depiro, kien hemm qbil unanimu li din għandha titnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill minħabba li qed tagħmel ikrah wisq u hija ta' periklu minħabba xi nar.

8.10 Il-Kunsillier Scerri Diacono ssuġġerixxa biex tinġab iċ-ċavetta tax-xelter tal-gwerra li kien hemm biswit il-parkeġġ ta' quddiem Binja San David.

8.11 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li s-Sur Joe Borda mill-MRRA kien ġentilment ta donazzjoni ta' 3 laned tal-iskart lill-Kunsill sabiex jintużaw fejn jixtieq. Wieħed minn dawn il-bins kien diġà ntuża fil-pjazzetta ta' Triq San Oswald.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħaspiċċat fil-11:00pm. Kienhemmqbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru2012 fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |